# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru disgħa u sebgħin (79) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2011, fis-6.30pm, fil-Bini Amministrattiv tal-kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti intbagħtu permezz ta' *e-mail* lill-kunsillieri aktar kmieni, kienu meħuda bħala moqrija u ġew approvati u ffirmati mingħajr l-ebda korrezzjoni.

3. Is-sindku rrefera għall-*e-mail* li bagħat il-bieraħ is-segretarju eżekuttiv dwar l-attività li kienet organizzata minn *Dogstrust Malta* bil-parteċipazzjoni tal-KLM nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2011, bejn l-10.00am u nofs-in-nhar, fejn irnexxielna nikkonvinċu erbgħa u sittin sid ta' kelb/kelba sabiex l-istess klieb tagħhom isirilhom in-*neuturing* u nwaħħlulhom iċ-ċippa. Din l-offerta kienet mingħajr ħlas sabiex inrażżnu l-i*strays* mit-toroq tagħna filwaqt li l-pakkett kien jinkludi diversi trattamenti oħra fosthom dawk kontra l-briehed biex ibiegħed il-mard minn fuq il-*pets* tagħna. Is-segretarju eżekuttiv qabel mas-sindku li kien hemm min ipprova jieħu parti minn dan il-pakkett mingħajr ma kkunsidra li dawn l-annimali jekk jaħarbu jistgħu joħolqu aktar problemi ta' annimali fis-santwarji tagħna li huma diġà ffullati biżżejjed tant li ma jifilħux aktar klieb addizzjonali.

4. Is-sindku qal illi l-*cabinets* tal-*GO plc* issa twaħħlu f'posthom fil-Pjazza tal-Knisja u wara l-festa se jkun imiss li l-istess kumpanija taqsam permezz ta' trinka l-istess pjazza biex dawn ikunu mqabbda mal-*wires* li jeżistu fi Triq il-Madonna tal-Ġilju ġaladarba ma kienx possibbli li jinħbew taħt l-art kompletament jew ikunu spustjati għal sit aktar imwarrab biex ma jkunux daqshekk ta' *eye-sore*.

5. Noel Galea qal illi l-ammont kbir ta' tiswijiet tal-ilma li qed ikollna fis-sajf ġej mil-fatt illi l-ilma jespandi fis-sħana u allura qed jirriżulta f'aktar ħsarat. L-akbar waħda kienet fi Triq tas-Sejba fejn il-pressa kbira li kien hemm qalgħet it-triq tat-tarmak f'ħofra li kienet kbira ħafna. Intant f'din it-triq hemm ħsara oħra fejn il-barriera ta' *Zahra Ltd* filwaqt li anke saħansitra quddiem il-bieb tal-KLM inqabdet ħsara bl-istrument minkejja li l-ilma għadu ma jidhirx ħiereġ minn taħt il-wiċċ tat-triq.

6. Dwar ix-xogħol ta' ri-kostruzzjoni ta' toroq, is-sindku qal li l-kuntrattur *Asfaltar Ltd* beda jqaxxar il-wiċċ tal-Isqaqien Numri 3 u 4 fi Triq il-Parroċċa u se jkompli fi Sqaq Numru 1. Hawn is-sindku avża lill-kunsillieri illi nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2011, is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, L-Onor Chris Said LL.D., MP, se jkun qed jagħmel konferenza stampa fuq is-sit tax-xogħlijiet sabiex jimmarka dawn ix-xogħlijiet anke fil-*media*. Għaldaqstant, is-sindku stieden lill-kunsillieri sabiex jattendu fid-9.00am.

7. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi l-Enġinier Albert Ellul kien għadu ma ffinalizzax l-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet li kienu sottomessi lill-KLM ftit tal-ġimgħat ilu f'dak li għandu x'jaqsam ma' *IT* u *Electrical Changeover* għall-uffiċċju tagħna għaliex kien indispost. Hekk kif jitlestew ir-rapporti ta' rakkomandazzjoni dawn ikunu miġjuba għall-attenzjoni tal-kunsillieri waqt l-aġġudikar tagħhom.

8. Intant is-segretarju eżekuttiv qal illi irridu noħorġu l-offerta għal-latrina pubblika peress li kien irrimarka l-awditur dwar dan fl-aħħar *management letter* u għadna inċerti jekk flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi għandniex nerġgħu noħorġu l-offerta tal-ġbir tal-iskart peress li l-kumitat fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi lanqas se jisma' l-appell li kien għamel is-Sur Ghigo. Bħal issa għandna miftuħa l-offerta pubblika tal-Miżura 313 għal *upgrading* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Hawn is-sindku semma l-aħħar *bilateral meeting* li kellna magħhom fejn għal-ewwel qalulna li se jagħtuna *board* ta' nformazzjoni biex ikun reklamat dan il-proġett mingħajr obbligazzjoni, imbgħad sibna li kellna nħallsu €460 għal kull waħda mit-tnejn li konna se nwaħħlu. Ovvjament ma nistgħux nagħmlu dawn l-ispejjeż addizzjonali li fl-opinjoni tagħna huma għolja wisq u għalhekk se naraw kif nordnawhom aħna b'inqas flus.

9. Dwar il-proposta tas-sindku biex fi Triq il-Karmnu titpoġġa *sleeping policeman* biex il-vetturi inaqqsu l-veloċità kien hemm reazzjoni mħallta tal-kunsillieri. Nicholas Briffa qal illi hu aktar hu tal-fehma illi din titpoġġa fi Triq Valletta qrib iż-*zebra crossing* għaliex il-periklu li qed jinħoloq hu minn dawk li jitfaċċawlek minn wara l-kantuniera ta' Triq il-Karmnu. Intant is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jikteb lir-residenti biex jissottomettu r-reazzjonijiet tagħhom qabel jintalab il-permess ta' *Transport Malta*. Hu kompla jgħid illi irridu wkoll naqilgħu minn postha u nwaħħluha aktar 'il barra, l-barikata li twaħħlet mill-KOPTASIN viċin il-barriera fi Triq tas-Sejba li imblukkat il-bankina u meta qed jippruvaw jaqbżuha, qed jaqgħu l-anzjani għaliex din hija għolja ħafna. Għal din it-triq issa tlestew it-tabelli u se nwaħħluhom aħna stess fejn is-segretarju eżekuttiv kien mitlub mis-sindku sabiex jibgħat *purchase order* għal tminn toqob fl-art diametru 2'' u fondi 1' li jiswew €8-il waħda.

10. Il-KLM ħa ħafna ħin jiddiskuti it-titjib fir-regolamenti l-ġodda għall-premju Ġieh l-Imqabba. Hawn intqal illi kien wasal iż-żmien illi jkunu reveduti r-regolamenti sabiex ikunu irfinati u nnaqqsu d-diffikultajiet li jkollu l-KLM fl-aġġudikar. F'dan il-punt intqal illi wasal iż-żmien illi dan il-ġieh tant prestiġjuż għandha tieħdu persuna waħda biss.

11. Dwar il-Festa ta' Santa Marija intqal illi s'issa għad m'għandniex l-inviti tas-Soċjetà Santa Marija, uffiċjali f'idejna. Madankollu qed nantiċipaw illi nhar l-10 t'Awwissu 2011, bħal kull sena, inkunu mistednin għall-kunċert strumentali u vokali annwali. Il-KLM qabel illi jippreżenta *voucher* ta' €50 lis-soċjetà biex jissarraf mingħand ħwienet tal-mużika ħalli jkattar il-kultura tat-tagħlim tal-mużika fost l-allievi tal-banda.

12. Is-sindku qal illi din is-sena se jkun hawn *crew* Amerikan ta' kumpanija tal-ġbid tal-*films* fostna u dawn talbu lil *Heritage Malta (HM)* jiftħu l-Katakombi tal-Mentna biex jagħmlu aktar pubbliċità. Is-sindku qal illi *HM* talbet €60 ta' sagħtejn biex jinġibdu dawn ix-xeni fl-14 t'Awwissu 2011. Bħala preparazzjoni għandna nagħmlu kuntatt mas-Sur Joe Borg tal-kumpanija *Sterling Security,* dwar l-immaniġġjar tat-traffiku bil-gwardjani lokali lejlet u nhar il-festa bħalma jsir kull festa li tkun organizzata fir-raħal tagħna. Is-sindku semma l-każ illi fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju jidher li l-istess gwardjani lokali għamlu distinzjoni fil-parkeġġ fi Triq Valletta għall-vannijiet li wasslu t-turisti fostna. Hu sostna li dan m'għandux ikun minkejja li dan l-ilment ma kienx reġistrat uffiċjalment fl-uffiċini tagħna.

13. Is-segretarju eżekuttiv irrefera għat-talba li kienet saritlu mis-sindku sabiex jindaga x'qed jiġri fil-festi bħal issa dwar *bars* li jbiegħu x-xorb alkoħoliku barra fil-festi. Hawn saret referenza għall-festa taż-Żurrieq. Is-segretarju eżekuttiv qal illi dawn jidher li kienu qed joħorġu l-permessi għalilhom mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, meta kien ikun hemm talba wara li l-kunsill lokali jkun bagħat in-*no objection* tiegħu. Hu qal li madankollu l-*issue* hija dik tal-bejgħ ta' alkoħol għaliex mill-Festa tal-Madonna tal-Ġilju 'l hawn għaddew żewġ avviżi legali rigorużi li jixbhu ħafna l-*Bye-Law* tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba u jidher li hemm il-biża' li tkun infurzata l-liġi tal-bejgħ ta' alkoħol wara d-9.00pm.

14. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba approva l-*Payment Approval Sheet* numru 419. Is-sindku ippropona lis-segretarju eżekuttiv illi r-refużjoni fl-onorarja tiegħu li ssemmiet ukoll mill-awdituri fil-*management letter* 2010, tkun maqtugħa fuq perjodu ta' sena u għalhekk l-ammont li turi l-*PAS* hija ridotta.

F'punti oħra:

15. Is-sindku talab il-*feedback* tal-kunsillieri sabiex napplikaw għal fondi fl-applikazzjoni li ħarġet sabiex iseħħu proġetti f'lokalitajiet żgħar. Hu issuġġerixxa illi ġaladarba l-proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ma rnexxiex u konna skwalifikati, nagħmlu l-istess proposti li konna għamilna f'din l-applikazzjoni billi:

    a. inpoġġu *CCTV cameras* fil-Pjazza tal-Knisja,
    b. u oħrajn fi ġnien Tfal ir-Raħal.

    Il-kunsillieri qablu dwar dawn il-proposti u se jsir hekk fil-futur qrib.

16. Dwar il-mawra fil-gżira Għawdxija biex tippromwovi l-Agri Turiżmu li se tkun organizzata nhar l-14 ta' Settembru, is-sindku ħa l-konferma tal-kunsillieri illi €19.50 għall-adulti, €16 għall-anzjani u €10 għat-tfal, huma raġonevoli għaliex dan il-prezz jinkludi t-trasport f'Għawdex u l-ikel. Il-vapur hu ovvjament mingħajr ħlas għal min għandu l-kartanzjan. Hu maħsub li jkun hemm ukoll il-logħob tat-tombla. Din il-konferma tal-kunsillieri hija neċessarja qabel il-pubblikazzjoni tal-ħarġa li jmiss tal-fuljett tal-kunsill peress li qed ikun propost avviż sabiex il-pubbliku jitħajjar jiġi magħna.

17. Is-sindku semma d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom ir-Reġjun tan-Nofs-in-Nhar mill-kumpanija *Aurelia* li issa wkoll qed titlob appell fuq it-tieni envelopp li nfetaħ għas-servizz tal-gwardjani lokali. Dan reġa' waqqaf il-proċess tal-offerti u xeħet lura l-proċess tal-għażla. Dan ifisser illi sadanittant il-KLM se jibqa' jieħu is-servizz tat-Tribunal Lokali taż-Żurrieq. Hawn saret referenza għall-*graphs* li ppreżenta is-segretarju eżekuttiv meħuda mit-tweġibiet tal-Uffiċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, għal mistoqsija parlamentari fejn l-akbar telf mil-lokalitajiet li jiffurmaw il-kumitat konġunt Zurrieq ġej mill-Imqabba.

18. Nicholas Briffa semma il-lampa maqtugħha li hemm quddiem ir-residenza 31, Triq il-Kileb, Mqabba sabiex tiġi rrappurtata. Hu saħaq illi jekk il-KLM se jipproċedi billi jieħu fir-responsabbiltà tiegħu (permezz tar-Reġjun) il-lampi tat-toroq li jinsabu fuq l-arbli, għandha ssir insistenza illi jitwaħħlu numri fuq dawn il-lampi mad-*demarcation boxes* tagħhom. Dan għaliex diġà qed ikollna diffikultà biex nirrappurtaw dawk il-lampi li jinsabu mwaħħla mal-faċċati tad-djar meta hemm indirizz komplut, aħseb u ara arblu fil-kampanja kif se jiġi identifikat. Nicholas Briffa semma wkoll il-kaxxa tal-*GO plc* li twaħħlet fuq il-konkos bil-*pattern* fi Triq Mikelanġ Sapiano, man-naħa tal-ġnien. Hu qal illi dawn m'għamlux *reinstatement* kif suppost u għandna ninsistu illi jsir dan minnufih.

19. Il-laqgħa ntemmet fil-10:00pm u l-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-30 t'Awwissu, 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*30 /08 /2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |